MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1541/2004

**Edgar Galea ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Citadel Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Zarb ghan-nom ta' Euro Rentals Co. Limited**

**vs**

**Hilda Bray**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 t'Awissu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi l-ammont ta' tlett mija u ghoxrin Liri Maltin (Lm320.00) jew somma ohra verjuri, rapprezentanti danni li sofrew l-atturi, meta l-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru HAJ 561 fit-23 t'Awissu 2002 gewwa l-Mosta, habtet mal-vettura numru DBE 024 proprieta` ta' Euro Rentals Co. Limited u misjuqa minn Loredano Agius u ikkangunat danni f'din l-istess vettura.

Dan l-incident hija ghalih unikament responsabbli l-konvenuta stante li s-sewqan taghha kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Mejju 2004 u ta' l-ittra ufficjali ohra ipprezentata mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u dawk tal-parir (Lm20.00) ukoll kontra l-konvenuta, u bl-imghax kontra l-istess konvenuta mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz u li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-atturi u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u ghoxrin Lira Maltija (Lm320.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza u dawk tal-ittri ufficjali tat-13 ta' Mejju 2004 u dik prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------